MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2396/2002

**Borg Cristina Claire u b'digriet tal-5 ta'Dicembru 2002, l-isem "Cristina" gie kancellat**

**Vs**

**Pulis Roderick u b'digriet tat-22 ta' Awissu 2003, is-socjeta` Untours Agency Limited ghal Qatar Insurance Company interveniet fil-kawza**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru 2002 fejn l-attrici talbrt sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm300 (tlett mitt Lira Maltin) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh nhar it-22 ta' Dicembru 2001.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallsu lill-attrici s-somma ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni kkagunati minnek fil-vettura TFA 428 propjeta` ta` l-attrici f’incident awtomobilistiku fit-22 ta’ Dicembru 2001 fejn inti kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluza l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju 2002.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi ghalkemm il-konvenut naqas illi jipprezenta risposta u/jew jipproduci l-provi tieghu, it-Tribunal xorta jrid jixtarr il-provi tieghu biex jiddeciedi dwar responsabbilita`, aktar u aktar meta ma gie prezentat l-ebda kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess konvenut. Jirrizulta mix-xhieda tal-attrici u s-sewwieqa Victoria Borg, li qalghu daqqa minn wara meta kienu qeghdin weqfin jistennew biex johorgu. Fuq responsabbilta ma ghandux ikun hemm kwistjonijiet. Dwar il-quantum tad-danni a Fol 40, ammontanti ghal Lm284.30 (mitejn erbgha u tmenin Lira Maltin u tletin centezmu) ma giex kontestat.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm284.30 (mitejn erbgha u tmenin Lira Maltin u tletin centezmu) bl-interessi u spejjes kif mitluba, salv kull dritt spettanti lis-socjeta` assiguratrici intervenuta fil-kawza sic et quatues ghar-risarciment tal-istess danni ai termini tal-Kap 104.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------